MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2011

Numru. 960/2010

Il-Pulizija
(Sp Arthur Mercieca)
vs
Osneph Scicluna, iben Manuel, imwieled Pieta’ fil-31 ta’ Mejju, 1987, Karta ta’ l-Identita numru 246987(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat:
1. talli fl-10 ta’ Jannar, 2010 għal ħabta tas-1.00 p.m. ġewwa l-Gudja mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta’ ħaddieħor f’perikolu ċar, ikkaġuna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Liza Calleja skont kif iċċertifika Dr. Diane Balzan M.D. taċ-Ċentru tas-Saħħa ta’ Paola;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ikkaġuna xi ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor u ciioe’ għamel ħsara ta’€598.67 fuq vettura

bin-numru tar-reġistrazzjoni KAO 705, għad-dannu ta' Liza Calleja;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-bon ordni u il-kwiet pubbliku b'għajjat u ġlied.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-4 ta' Mejju, 2011 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
1. fl-artikoli 214, 215 u 218 tal-Kodiċi Kriminali;
2. fl-artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali;
3. fl-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali;
4. fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;

bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' April, 2011 fejn l-imputat ħallas is-somma ta' €600 lill-paret ċivile għad-danni li sofriet u min-naħa tagħha Liza Calleja ħafret lill-imputat.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Mejju, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 214, 215, 218, 325 u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sentejn mil-lum. Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma tqabbdu ebda esperti f'din il-kawża.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------